

Brussell, 15 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5161/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0252(NLE)

ATO 2
CADREFIN 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	10137/18
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jstabbilixxi programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 - Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi kien iddiskuta l-proposta u laħaq qbil proviżorju fil-livell tiegħu wara konsultazzjoni informali bil-miktub, li ntemmet fit-3 ta' Novembru 2020, bl-ebda delegazzjoni ma tqajjem oġġezzjoni.
3. Il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 adottat konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jkopru wkoll id-dħul għall-QFP 2021-2027¹ inkluż il-baġit għal dan il-programm.

¹ EUCO 10/20

4. Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat inizzjalment f'Lulju 2018 u ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Jannar 2019. Minn dakinhar, il-qbil proviżorju milħuq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi emenda b'mod sostanzjali l-proposta tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-Parlament Ewropew reġa' ġie kkonsultat f'Novembru 2020 u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni oħra.
5. Fit-2 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 13363/20.
6. Wara qbil orizzontali dwar il-QFP, it-test ġie allinjat mad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-QFP u saritlu reviżjoni mill-ġuristi lingwisti kif jinsab fid-dokument ST 12566/20.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex:
 - japprova l-abbozz ta' test finali tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 kif jinsab fid-dokument ST 12566/20.
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta dan ir-Regolament tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 12566/20, bħala punt "A" f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.